MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 1748/2005

**David Ellis bhala bursar fl-isem u fl-interess tal-Kullegg St. Edwards**
**vs**
**Charles u Ruth konjugi Bonello**

It-Tribunal

Ra l-avviz prezentat fid-19 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' tlett mija tnejn u disghin lira Maltija (Lm392) rapprezentanti drittijiet tal-Kullegg St. Edwards ghal taghlim u edukazzjoni in konnessjoni ma' l-attendenza tat-tifel taghhom student fl-istess kullegg, bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha qalu li din il-kawza ghandha tieqaf u dana sa' l-ezitu finali tal-kawza ghad-danni inizjata mill-ecipjenti kontra l-istess kullegg (kawza fl-ismijiet Charles Bonello et vs Anthony Saliba noe citaz nru 776/04 TM). Fil-mertu l-konvenuti qalu li l-ammont pretiz mhux dovut stante li f'l-imsemmi perjodu t-tifel taghhom ma kienx jattendi l-imsemmi Kullegg u dan

minhabba htija attribwibbli lill-istess Kullegg, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra s-sentenza preliminari mghotija fid-9 ta’ Jannar 2006.

Ra x-xhieda ta’ David Ellis u Ruth Bonello.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Il-fatti relattivi ghall-ammont li qed jintalab permezz ta’ dan l-Avviz ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni fuqhom.

Jirrizulta mill-atti li t-tifel tal-konvenuti kien student fil-Kullegg St. Edwards u li l-istess konvenuti kienu jafu x’kienu l-kundizzjonijiet vigenti bejn il-kontendenti stante li huma kienu nghataw kopja ta’ dawn il-kundizzjonijiet.

Jirrizulta wkoll li wahda minn dawn il-kundizzjonijiet kienet li “at least two months notice must be given in writing to the Headmaster before a student is withdrawn from the school. In default of such notice payment of one term’s fees shall be due” (ref klawsola 7.1 tad-dokument E a fol 53 et seq).

Jirrizulta ammess mill-konvenuta (xhieda taghha mghotija fid-19 ta’ April 2006) li l-konvenuti ma baghtux ittra bil-miktub lis-surmast ta’ l-iskola biex jinfurmawh li ma kienux sew jibqghu jibghatu t-tifel l-iskola.

Il-konvenuta tghid li huma ma baghtux it-tifel l-iskola minhabba li, kif qed jallegaw il-konvenuti, it-tifel kien vittma ta’ bullying. Huma (il-konvenuti) anke procedew quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghad-danni sofferti minhabba l-allegat nuqqas ta’ l-iskola li jiehdu mizuri biex jintemm l-allegat bullying (kopja tac-citazzjoni promotarja giet esebieta f’ dawn l-atti a fol 14 et seq). Il-konvenuti pero` permezz ta’ dik ic-citazzjoni ma talbux ukoll ir-rexissjoni tal-kuntratt vigenti bejnhom u l-iskola.

Fil-fatt fil-mumenti li l-konvenuti rcevew il-kont ghall-mizati ta' l-ahhar *semester* il-kuntratt ta' bejn il-kontendenti kien ghadu vigenti u konsegwentement il-kundizzjonijiet kollha kienu ghandhom jorbtu lill-partijiet.

Konsegwentement fin-nuqqas tal-avviz bil-miktub mibghut mill-konvenuti lil-attur ai termini tal-klawsoli 7.1 fuq kwotata l-attur huwa gustifikat fit-talba tieghu ghall-hlas ta' mizati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlett mija u tnejn u disghin lira (Lm392) bl-imghax mill-21 ta' Gunju 2005 u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------